**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 9**

**Avviz numru 622/01**

**Emmanuel Vella & Sons Ltd**

**vs**

**Cerfar Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm211.99 (mitejn u hdax il-lira Maltin u disa' u disghin centezmu) dovuti ghal nteressi legali dekorsi minn Jannar 1999 sad-data tat-talba kalkolati bit-8 fil-mija fis-sena fuq kapital li thallas mis-socjeta debitrici permezz ta' pagamenti irregolari.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittri ufficjali datati 26 ta' Jannar 2000 u 11 ta' Mejju 2001 u ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju datata 21 ta' Gunju 2001 kontra s-socjeta' debitrici, oltre bl-interessi legali li jibqghu jiddekorru sal-hlas effettiv ghas-saldu.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma ipprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema’ lil Dr Raphael Fenech Adami jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**